**Minuti tal-Laqgħa nru 45 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu 2010 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 9.00 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.40 | 9.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.10 | 9.00 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.40 | 9.00 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.30 | 9.00 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsillier John Mary Camilleri kien għal darb' oħra bagħat ittra, f' liema ittra kien qed jitlob li jiġi skużat milli jattendi, u dan minħabba xogħol. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsillier Camilleri.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 44**

1.01 Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija u s-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kienx hemm xi korrezzjonijiet. Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-minuti tal-laqgħa preċendenti kienu approvati unanimament minn dawk prezenti.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Is-Sindku qara ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħala risposta għall-ittra li kien bagħat il-Kunsill Lokali dwar il-kwistjoni tal-Youth Empowerment Centre, u ħlasijiet dovuti lis-Sinjura Anna Grech. Fuq mistoqsija mill-Kunsillier Fenech Adami dwar minn fejn ser jingiebu l-fondi sabiex jiġi finanzjat dan ċ-ċentru, is-Sindku wieġeb li fil-preżent *fondi mill-budget ta' din is-sena jeżistu; aparti minn hekk,* mill-Kunsill ma *kienitx* qed titħallas il-paga tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-paga ta' żewġ skrivani li għad iridu jiġu mpjegati mal-Kunsill, u li dawn kien hemm proviżjon għalihom fil-budget tas-sena kurrenti. Hu qal li għal din is-sena *parti mill-*ispejjes sabiex jitmexxa dan iċ-ċentu *jistgħu* jittieħdu minn dawn il-flejjes. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill għandu joħroġ is-sejħa għall-offerti dwar provvista ta' servizz għat-tmexxija tal-Youth Empowerment Centre, u dan sabiex dan is-servizz ikun konformi mar-regolamenti finanzjarji li jirregolaw lill-Kunsilli Lokali. Filwaqt li l-Kunsill approva li jinħareġ dan it-tender inkariga lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jitkellem mal-perit *Alfred* Grech dwar il-formular ta' dan it-tender, u dan sabiex dan jitlesta u jinħareġ mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sinjura Anna Grech għandha tieħu l-ħlasijiet dovuta lilha..

**3.00 Għażla ta' Servizz ta' Perit għall-Kunsill**

3.01 Il-Perit Alfred Grech tkellem fuq it-tender dwar l-għażla ta' Servizz ta' Perit għall-Kunsill u qal li kienu daħlu 8 offerti. Qal ukoll li kienet saret matrix li fuqa kellhom jingħataw il-punti. Hawn ta dettalji dwar it-tagħrif li kien hemm fuq din il-matrix. Il-Perit Grech qal li l-offerenti kienu il-Med Design, EM Architects, tal-Perit Mannie Galea, DTR, EMDP, JB Associates, JB Architects, u Mangion Mangion Partners. Il-Perit qal li fir-rapport tiegħu kien qed jirrakkomanda lill-Med Design, u dan għar-raġunijiet li jidhru fl-istess rapport. Hawn saret diskussjoni u saru numru ta' mistoqsijiet mill-Kunsillieri Demartino u Farrugia.

3.02 Is-Sindku poġġa wkoll fuq il-mejda kopji ta' xi emails li kienu ntbagħtu lill-Kuniisllier Farrugia filwaqt li l-istess Kunsillier Farrugia qalet li hija qatt ma kient irċeviethom.

3.03 Minħabba li kien jidher li ma kienx hemm qbil unanimu dwar l-għażla tal-perit għall-Kunsill Lokali, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jgħaddi għal vot dwar l-addozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li kien hemm fir-rapport preżentat mill-Perit Alfred Grech – f' liema rapport kienet qed issir rakkomandazzjoni li għandu jingħażel il-Med Design. *Dan huwa konformi mad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Adġudikazzjoni.*

3.04 Għalhekk ittieħed vot dwar l-addozzjoni tar-rapport tal-Perit Grech fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Sammut, Agius, Fenech u Grech ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillieri Demartino, Fenech Adami, Farrugia u Mifsud astjenew. Għalhekk il-Kunsill approva l-għażla tal-Med Design.

**4.00 Gieħ il-Mosta**

**(Minħabba li l-Perit Grech kien għadu ma wasalx, il-Kunsill qabel li jiddiskuti dan l-item qabel l-Għażla ta' Perit għall-Kunsill)**

4.01 Is-Sindku qara r-rapport ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-għoti ta' Gieħ il-Mosta – liema rapport kien preparat mis-Sinjuri Joe Cristina, Philip Borg u l-Prof George Cassar. Kien hemm qbil unanimu li minn paragrafu 1.- il-frażi (f) titneħħa, li f' paragrafu 6. fl-aħħar tal-frażi (f) tiżdied il-kelma - tieg*ħu*, li f' paragrafu 9 fl-aħħar ta' frażi (c) jiżdiedu l-kliem – *matul is-serata*, u li fl-istess paragrafu l- frażi (d) titneħħa.

4.02 Dwar il-formola ta' kriteji/linji gwida li jinsabu annessi mar-rapport il-Kunsill qabel li tiddaħħal il-kelma – *jew* bejn il-frażiiet Ħidma jew servizz lill-komunita` kollha, u Ħidma jew servizz lil xi sezzjoni partikolari fil-komunita`, u li tiddaħħal il-kelma – *jew* bejn l-frażijiet Ħidma jew servizz fuq bażi għal kollox volontarja, u l-frażi Ħidma jew servizz bi ħlas imma b' dedikazzjoni straordinarja. Sar qbil ukoll li fil-frażi Intergrita` u/jew kondotta tal-persuna, il-kelma kondotta tiġi sostitwita bil-kelma - *inġieba.*

4.03 Il-Kunsillier Demartino qal li hu ma kienx jaqbel mal-frażi (c) f' paragrafu 6, u ppropona li din kellha titneħħa. Is-Sindku min-naħa l-oħra qal li jidhirlu li din il-frażi kellha tibqa' kif murija. Minħabba li wara li saret diskussjoni ma kienx hemm qbil dwar din il-frażi, is-Sindku ppropona li jittieħed vot. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Sammut, Agius, Fenech u Grech ivvutaw favur li din il-frażi tibqa' filwaqt li l-kunsillieri Demartino, Farrugia u Fenech Adami ivvutaw kontra. Għalhekk il-proposta li l-frażi tibqa' kif tidher fid-dokument għaddiet.

4.04 Il-Kunsillier Demartino rrefera għal paragrafu 7 (a), u qal li jħoss li l-għażla kellha tkun unanima – kif dejjem sar, u mhux b' maġġoranza sempliċi. Hawnhekk reġgħet tqajjmet diskussjoni u minħabba li reġa' ma kienx hemm qbil, il-Kunsillier Demartino ppropona li l-proposta tiegħu tgħaddi għal vot - fejn l-istess Kunsillier kif ukoll il-Kunsillieri Farrugia u Fenech Adami ivvutaw favur filwaqt li s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunslliieri Sammut, Agius, Fenech u Grech ivvutaw kontra din il-proposta, u għalhekk din m' għaddietx.

4.05 Qabel ma ġiet fi tmiemha l-laqgħa, is-Sindku qal li xtaq li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-persuni li kienu ħadmu b' mod voluntarju fuq dan ir-rapport, u li qed jirrakkomanda wkoll li dawn il-persuni għandhom jiffurmaw il-bord li jevalwa n-nomini li jidħlu, u li wara dawn jgħaddu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom għall-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill.

4.06 Is-Sindku ppropona wkoll li l-mistednin tal-unur għal waqt is-serata fejn jingħata Ġieħ il-Mosta għal din is-sena għandhom ikunu il-Perit Lawrence Gatt u t-Tabib Daniel Micallef.

4.07 Il-Kunsillieri preżenti qablu maż-żewġ proposti li kien għamel is-Sindku.

Il-laqgħa spiċċat fi d-9.00p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv